

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1473**tal-14 ta' Awwissu 2017****li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 33(3) u l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 ⁽²⁾ jstabbilixxi l-lista tal-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll kompetenti biex iwettqu l-kontrolli u joħroġu ċ-ċertifikati fil-pajjiżi terzi bl-għan tal-ekwivalenza.
- (2) L-IOAS, organizzazzjoni ta' akkreditazzjoni fil-qasam tal-agrikoltura organika, infurmat lill-Kummissjoni li ddeċidiet li tissospendi l-akkreditazzjoni tagħha ta' Bolicert Ltd.
- (3) Skont l-Artikolu 12(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, fi kwalunkwe waqt, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-entrata ta' korp ta' kontroll mil-lista tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament, kemm fid-dawl tal-informazzjoni riċevuta, kif ukoll meta l-korp ta' kontroll ma jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.
- (4) Bolicert Ltd għet mistiedna mill-Kummissjoni biex tippovdi ċertifikat ta' akkreditazzjoni validu u biex tieħu azzjoni ta' rimedju xierqa u fil-ħin skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, iżda ma wegħbitx qabel l-iskadenza stabbilita. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-entrata għal Bolicert Ltd tiġi sospiża mill-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 sakemm tingħata informazzjoni sodisfaċenti.
- (5) Għalhekk, l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-entrata marbuta ma' "Biocert Ltd" titħassar mill-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ ĠUL 189, 20.7.2007, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠUL 334, 12.12.2008, p. 25).